MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 27**

**l-Erbgħa, 07 ta' Jannar 2026**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Erbgħa, 07 ta' Jannar 2026 fis-6:30 ta filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**27.1 Talba;**

27.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-06:30 ta filgħaxija, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT27.10, Għawdex*
*Tel: 25558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**27.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

27.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

27.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 26 ġew ċirkulati u moqrija.

27.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezjonjijiet għall-minuti.

27.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

27.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2026 għall-perjodi bejn it-09 ta' Diċembru u l-07 ta' Jannar 2026 li tammonta għal €30,089.05 ġiet approvata u iffirmata.

**27.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

27.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għada ser ikun qed jiltaqa' mal-perit Edward Scerri rigward it-*traffic management plan* u kif ikun preżentat il-pjan dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jkun imiss.

27.5.2 Is-Sindku xtaq jġbed l-attenzjoni dwar kontroll filgħaxija fil-playingfield. Hu staqsa jekk il-membri jaqblux li nsibu lil xi ħadd biex jikkonnektja l-cameras li hemm fil-playingfield li kienu ġew disconnected qabel beda il-proġett tal-playing field, li iżda ma reġawx ġew ikkonetjati. Il-membri qablu. .

27.5.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li reġaw fetħu l-applikazzjonijiet tal-*Lifelong Learning* hu wera ix-xewqa li nerġaw nofru is-sala tagħn biex fiha issiru xi korsijiet. Hu irrakkomanda li jiġi propost kors tal-*Maltese for foreigners* u *Basic Internet skills – shopping online.* Il-membri qablu unanimament.

27.5.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar biċċa triq maqlugħa wara l-knisja. Din tinsab eżatt kif jispiċċa l-*porfido.* Hu staqsa jekk il-membri jaqblux li l-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

kunsill jieħu stima tal-ispiza involuta u jiddiskutija aktar il-quddiem. Il-membri qablu li tintalab stima.

27.5.5 Is-Sindku xtaq jiġbed l-attenzjoni li s-sitwazzjoni tal-ħmieġ tal-qtates fi Sqaq l-Aħmar għada għaddeja. Hu staqsa lil membri jekk japprovawx li jitwaħlu tabeli biex tinzam l-indafa. Is-sindku ressaq din is-sitwazzjoni anke fil-laqgħa mal-pulizija u min naħħa tagħna qed innadfu aktar sikwit iżda ma solvietx il-problema. Ġie approvat li jitwaħlu tabelli.

27.5.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv. Dan il-punt ġie mressaq u ma kienx fl-Aġenda peress li hemm skadenza sa meta dan ir-rapport irrid jiġi ppreżentat lid-direttur u din l-iskadenza tiġi qabel id-data tal-laqgħa li jmiss. Is-Sindku ippropona li tingħata 10% jiġifieri il punti massimi għal kontribut li qed tagħti. Il-membri preżenti qablu unanimament.

**27.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

27.6.2 Il-Kunsilliera Carmelo Micallef xtaq tkun diskussa it-tema li saret bejn il-membri kollha preżenti tal-kunsill f' Jum il-Fontana li tirrigwarda it-tizjin tal-Milied. Il-membri esprimew l-opinjoni tagħhom fuq din it-tema u s-Sindku wera id-dizappunt tiegħu li għalkemm l-ispiza kienet għola il-livel ma kienx sodisfaċenti. Ġie ukoll deċiż li s-sena d-dieħla naħsbu minn kmieni u naraw lokalitajiet oħra kif jaħdmu.

**27.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

27.7.1 Is-Segretarju resqet ilment dwar tappieri li tgħattit meta saret it-trinka fi Triq Għajn Tuta. Waqt il-laqgħa ħarġet informazzjoni li dan normalment issir mill-kuntrattur li għamel it-trinka u dan wara jiġi u jikxef it-tappieri, etc.

27.7.2 Is-Segretarju resqet għal darba oħra is-sitwazzjoni rigward il-mera li ġiet mitluba biex tigwida lir-residenti ta St. Julians Residence huma u ħerġin mill-graxxijiet tal-blokka. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiż li issir inspezzjoni fit-tul u tiġi nvoluta l-awtorita jekk jibqa jinstab oġġezzjoni biex titwaħħal il-mera.

27.7.3 Is-Segretarju infurmat lill membri li qed issir *follow up* fuq it-trinek tad-drenaġġ ta St. Julians residence, biex it-trinek jiġu mimlija kif suppost. Il-problema kienet li biex dan issir trid tingħalaq it-triq u l-informazzjoni li hemm it-tarmac disponibbli kienet qed tiġi tard wisq biex tingħalaq it-

triq. Minn-naħħa tal-kunsill ser inkunu qed ninfurmaw lill kuntrattur meta ser tingħalaq it-triq u naraw li jiġu magħluqa fl-istess ġurnata.

27.7.4 Is-Segretarju ippreżentat din il-lista ta korrispondenza li ġew iċċirkulati mill-aħħar laqgħa sad-data ta din il-laqgħa :

| Date received | Date sent | From | Title |
|---|---|---|---|
| 12/12/2025 | 15/12/2025 | Reġjun Għawdex | Stedina għall-Kunsilli Lokali - L-istrina |
| 12/12/2025 | 15/12/2025 | AKL | Cir AKL 2025/071_Proċess tal-ELoGE: Gwida, Appoġġ u Sessjoni ta' Follow-Up għall-Kunsilli Lokali |
| 12/12/2025 | 15/12/2025 | AKL | Circular AKL 2025/074_ALDA Migration Hub: Citizens Without Citizenship Online Event. |
| 15/12/2025 | 15/12/2025 | AKL | Cirkulari AKL 2025/075_Exchange of New Year Greetings 2025 mibgħuta lis-Sindki. |
| 15/12/2025 | 17/12/2025 | Siġġiewi Local Council | THE SIĠĠIEWI END OF YEAR RACE 2025 IN AID OF DAR TAL-PROVIDENZA correspondence. |
| 19/12/2025 | 19/12/2025 | Nicky Saliba | Lista Applikazzjonijiet tal-Permessi |
| 22/12/2025 | 24/12/2025 | DLG | Erasmus+ KA 2 Partnerships for Cooperation Online Information Sessions for 2026 Calls. |
| 24/12/2025 | 29/12/2025 | AKL | Circular AKL 2025/076_ALDA Training on Strengthening Diversity, Equality and Inclusion in Municipalities 13 JANUARY. |
| 30/12/2025 | 31/12/2025 | DLG | Korsijiet LifeLong Learning 2026-2027. |
| 05/01/2026 | 05/01/2026 | AKL | Circular AKL 2026/002_Auditing Preparation Workshop 13/01/2026. |
| 18/01/2025 | | | Talba biex tittranġa l-grada/tappiera tal-ilma li tgħattit meta sar it-tarmac fi Triq Għajn Tuta |
| 19/01/2025 | | Anthony Cassar | Talba biex issir il-mera faċċata tad-drive in tal-blokka St Julians Residence fi Triq l-Isptar San Ġiljan |
| 30/01/2025 | | Marla Sammut | Talba biex jitnaddaf l-isqaq Trejqet Bieb il-Għajn. Ilment dwar l-għalf tal-qtates (wet food) li qed iġib il-ħmieġ peress li qed jintefa mal-art direttament. |
| 06/01/2025 | | | Ilment dwar ħofor fit-trinek tad-drenaġġ tal-blokkok St Julian Residence. |

**27.8 Budget 2026;**

27.8.1 Is-Sindku xtaq jiddiskuti mal-membri l-proġetti li se nipjanaw li jsiru matul din is-sena. Dawn jinkludu fost l-oħrajn il-persentaġġ li l-kunsill hu obbligat li joħroġ mill-iskemi li applikajna għalihom. Hu ta rendikont ta kemm ġejna allokati finanzi din is-sena, hu ikkonferma li fil-prezent il finanzi allokati ma humiex biżżejjed biex ikopru l-andament tal-kunsill. Ġie diskuss ukoll li immaniġjar tal-*public convenience* u s-sezzjoni tal-*Capital commitments*. Ġie deċiż li din is-sena nallokaw il-flus għal parti tagħna tal-iskema tal-LESA biex tiġi rrestawrata l-Għajn il-Kbira, il-finishing tas-sala flimkien mal-proġett tac-CCTV, it-tkomplija tal-pedestal u ir-restawr tal-istatwi. Hu informa lil membri li hekk kif ikun preparat il-Budget nagħmlu laqgħa biex naprovawh.

**27.9 Ħarġa Malta Frar 2026;**

27.9.1 Is-Sindku issuġġerixxa li ssir ħarġa għal Malta għal-anzjani għal-aħħar tax-xahar ta Frar. Xtaq ukoll li ma tkunx bħal tas-sena l-oħra u xtaq jiddiskuti mal-membri biex titħabbar id-data fuq il-fuljett li jmiss. Il-membri qablu.

**27.10 Attivita' tal-Karnival għat-tfal;**

27.10.1 Is-Sindku ikkonferma li ilbieraħ irċivejna konferma li l-applikazzjoni tagħna tal- SPI/SCI/5/2025 -Karnival 2026 ġiet aċċetata u għalhekk ser nagħmlu l-attivita' kif kienet diskussa. Hu fakkar li l-attivita' se tkun fl-10 ta' Frar u se tinvolvi pastiċċier li se juri kif issir il-prinjolata bl-għajnuna tal-anzjani tar-raħal. Hu fakkar li irridu ukoll element ta *entertainment*, li jsir fis-sala u xi dekorazzjonijiet.

**27.11 Rapport Nuqqas ta Attendenza ;**

27.10.1 Is-Sindku informa lill membri li reġa ressaq dan il-punt hekk kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti. Hu informa lill membri li l-kunsill se jkun qed jibgħat ittra lill-ministru hekk kif titlob il-liġi. Il-membri qablu, u ġie deċiż li fl-ittra jikkonfermaw li huma jissuġġerixxu lill ministru biex il-post ma jiġix dikjarat vakanti.

**27.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-09:00 ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Erbgħa 18 ta' Frar fit-06:30 p.m.

Konfermati, llum, l-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2027.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA